# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Magistrat

## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)

## Rikors Numru: 237/16

## Is-Socjeta' Kummercjali Inside Out Company Limited (C48222)

## Vs

## Vera Maria Sant Fournier (9685G) ezercenti l-kummerc Vera Sant Fournier Design

## Illum 22 ta' Frar, 2017.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta' Inside Out Company Limited fis-27 ta' Settembru 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' disat elef tmien mija w tmienja w tmenin Ewro w tnejn u tletin centezmu (€9888.32) rapprezentanti bilanc rimanenti minn prezz ghal servizzi u prodotti gja mibjugha u kkonsenjati lilha mis-socjeta' rikorrenti (vide Dok. IO2-IO4).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenuta datata 20 ta' Lulju 2016 (Dok. IO1) u s-sekwestru prezentat kontestwalment u bl-oghola rata t'imghax skont il-ligi dekorribbli minn meta s-somma kienet dovuta sad-data tal-effettiv pagament.

Rat ir-risposta tal-intimata Vera Maria Sant Fournier,ipprezentata fil-21 ta' Ottubru, 2016 fejn esponiet:

"Illi l-intimata qeghda tikkontesta t-talbiet relattivi, partikolarment billi kif gja gabet a konjizzjoni tas-socjeta' attrici kienet sejra thallas is-sorte ossia bilanc mitlub, kif trasmess ukoll precedentement tramite korrispondenza legali biss ftit gimghat ilu;

Illi fl-isfond tal-korrispondenza msemmija, kif ukoll korrispondenza bejn l-intimata u s-socjeta' attrici ossia dirigenti taghha (partikolarment Anna Satariano), l-intimata kienet qeghda taghmel il-kontrolli taghha ta' diversi fatturi ossia invoices sabiex jigi saldat id-debitu;

Illi fil-fatt, irrizultaw xi inkonsistenzi u saru wkoll xi aggustamenti u emendi;

Illi nonostante cioe', s-socjeta' attrici pprocediet gudizzjarjament permezz ta' din il-kawza;

Illi t-talba gudizzjarja relattiva hija intempestiva partikolarment fid-dawl li l-intimata kienet accettat li thallas il-bilanc dovut;

Ghaldaqstant, l-intimata lesta thallas il-bilanc ta' €9888.32 izda l-intimata qeghda tikkontesta fuq il-kap tal-ispejjez stante li l-kawza saret bla bzonn.

Bl-ispejjez."

Illi fit-18 ta' Jannar, 2017, is-socjeta' rikorrent pprezentat nota b'diversi dokumenti fosthom l-affidavit ta' **Anna Satariano**.

Din qalet li hija Direttrici tas-Socjeta' Inside Out Company Limited. Ikkonfermat li l-intimata hija 'interior designer' u hija debitrici tas-socjeta' Inside Out Company Limited fis-somma ta' disat elef, tmien mija u tmienja u tmenin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€9888.32), liema somma hija certa, likwida u dovuta. Dan l-ammont jirrapprezenta servizzi pprestati u prodotti kkonsenjati mis-socjeta' Inside Out Company Limited lil Vera Sant Fournier fuq struzzjonijiet taghha (Dok. IO3 u IO4).

Iddikjarat li ilha x-xhur tikkorrispondi mal-intimata sabiex din thallas dak dovut minnha u ziedet li minkejja li din dejjem ammettiet li ghandha thallas, dejjem kienet iggib diversi skuzi biex tevita li thallas minnufih, fosthom li l-klijent li ghalih kienet ordnat il-prodotti ghadu ma hallashiex. Ziedet pero' li hija tkellmet ma' dan il-klijent u dan ikkonferma li fil-fatt hu hallas kollox. Ikkonfermat ukoll li qabel saret din il-kawza, huma kienu baghtu ittra legali u ittra ufficjali, minbarra diversi emails, izda cio' nonostante l-intimata xorta baqghet ma hallsitx u ghalhekk ma kellhomx triq ohra salv li jaghmlu l-kawza.

Illi **Anna Satariano** xehdet viva voce fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2017 fejn murija d-dokumenti esebiti seduta stante ddikjarat li Dok IO7 huwa korrispondenza, fosthom numru ta' emails li effettivament hija giet ikkuppjata bihom u fil-fatt irceviethom.

Illi fid-9 ta' Frar 2017, il-konvenuta Vera Sant Fournier,ipprezenta nota ta' ammissjoni illi permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici stante tranzazzjoni.

Semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li l-konvenuta ghadha ma ghamlet l-ebda pagament mid-debitu taghha minkejja d-diversi promessi.

Illi ghalhekk in vista tan-nota tal-konvenuta fejn ammettiet it-talba attrici, din il-Qorti qeghda tikkonferma li d-debitu ghadu dovut lis-socjeta' attrici mill-konvenuta.

Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, qieghda tilqa' t-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma indikata fir-rikors promtour u cioe' l-ammont ta' disat elef tmien mija w tmienja w tmenin Ewro w tnejn u tletin centezmu (€9888.32).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenuta datata 20 ta' Lulju 2016 (Dok. IO1) u l-mandat ta sekwestru li gie prezentat kontestwalment mar-rikors promotur li huma a karigu tal-konvenuta.

L-imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali datata 20 ta Lulju 2016.

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.

Magistrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur